**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DECIZJONI NRU. 496**

**Kaz Nru. 650**

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Tonio Schembri

u

Walsh Ltd.
kif rapprezentata mis-
Sur Carol Calleja

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta

Data: 18 ta' Mejju, 1993

**Chairman: Is-Sur Maurice J.V. Bonello M.B.E.**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal mill-Ministru tal-Politika Socjali permezz ta' ittra datata 8 ta' Jannar, 1992 ghal decizjoni mill-istess Tribunal skond il-provvedimenti ta' Artiklu 28(2) ta' l-Att tal-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali.

Fl-'statement of Case' tal-Kumpanija appellata tqanqlet eccezzjoni preliminarja fis-sens illi l-appellant, Tonio Schembri, kien accetta s-somma ta' Lm304.12 - "in full and final settlement on the termination of (his) employment with Walsh's Ltd", fl-10 ta' Settembru, 1992, u in vista ta' dan, l-appellant kien irrinunzja ghad-dritt li seta' kellu biex jaghmel aktar talbiet fuq il-Kumpanija.

.../2

It-Tribunal ha nota ta' din l-eccezzjoni, imma xtaq jisma' izjed dwar il-fatti tal-kaz. Wara li ghamel hekk, it-Tribunal accetta t-talba tal-Kumpanija appellata permezz ta' l-avukat taghha u ddecieda li jikkonsidera l-eccezzjoni fuq imsemmija.

It-Tribunal innota illi meta l-appellant accetta s-somma ta' Lm304.12c l-iskrittura li kien iffirma fl-10 ta' Settembru, 1991 kienet tispecifika dettaljatament ta' x'hiex kienet komposta din is-somma, u cioe':

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Balance due for period 12/7/91 to 25/7/91 | Lm 83.76 |
| 2. | Pay for one day (26/7/91) | Lm 14.88 |
| 3. | 11½ days leave | Lm171.06 |
| 4. | Bonus for period 01/07/91 to 26/07/91 | Lm 8.92 |
| 5. | Bonus for period 01/4/91 to 26/07/91 | Lm 25.50 |
| | Total: | Lm304.12c |

Irrizulta pero' illi qabel l-10 ta' Settembru, 1991 u cioe' xi ftit granet wara li spicca mill-impjieg tieghu f'Lulju 1991, l-appellant kien gie offrut is-somma ta' elf lira mill-Kumpanija li ma' kienx accetta. Irrizulta wkoll illi b'ittra datata 1 ta' Awissu, 1991, l-avukat ta' l-appellant kien kiteb lis-Sur Carol Calleja fejn ghamel riferenza ghas-somma ta' elf lira li kien offra lil Tonio Schembri u li dan ta' l-ahhar kien irrifjuta, u indikalu illi l-klijent tieghu Tonio Schembri kien lest biex jaccetta s-somma ta' Lm4,500 bhala kumpens u bhala 'settlement' amikevoli u 'out of court', u dana apparti, mill-'wages' tieghu u 'statutory rights according to law'.

Fl-opinjoni tat-Tribunal, il-fatt illi l-appellant indika li kien qed jitlob is-somma ta' Lm4,500 bhala kumpens biex jevita illi l-kaz jitressaq quddiem il-Qorti (jew Tribunal), flimkien mal-fatt illi l-appellant irriserva d-dritt tieghu ghal dak li kien dovut lilu skond il-ligi, hija ndikazzjoni cara illi, qabel l-10 ta' Settembru, 1991, d-data ta' l-iskrittura, kien ga ndika l-intenzjoni tieghu illi jfittex lill-Kumpanija appellata ghal kumpens, apparti minn dak li kien dovut lilu legalment. Mhux konceppibbli ghalhekk, illi wara l-appellant kien irrifjuta s-somma ta' elf lira, u minflok, talab is-somma ta' Lm4,500, apparti dak dovut lilu, kien sejjer jaccetta somma sostanzjalment inqas li kienet limitata biss ghal dak li kien tieghu bid-dritt u b'hekk jirrinunzja ghad-dritt li jigi kumpensat talli l-impjieg tieghu gie tterminat.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal ma' jistax jaccetta illi l-iskrittura ta' l-10 ta' Settembru, 1991, kienet 'in full and final settlement' tal-'claims' kollha li seta' kellu l-appellant u ghalhekk jirrespingi l-eccezzjoni mqajjma mill-Kumpanija.

Maurice J.V. Bonello
**CHAIRMAN**

Edwin Spiteri
**SEGRETARJU**

mrg